# IL-FURNAR XHIH U BLA QALB.

Hafna zmien ilu fil-belt ta’ Lima gewwa l-Peru, kien jghix furnar. Kien xhih li ma kienx jaghti anqas farka xotta lil ghasafar. Il-garr tieghu ghall-kuntrarju kien qalbu tajba u kien dejjem lest li jaqsam ma’ haddiehor bil-ferh, il-ftit li kellu. Kien aktar jimpurtah li jaghmel il-hbieb milli jaghmel il-flus.

Il-furnar kien ghajjur ghall- garr tieghu. Kien igerger mieghu nnifsu u jghid: “Kif jista jkun li l-garr tieghi ma ghandu xejn u madanakollu dejjem ferhan?” Kull filghodu r-riha tfuh tal-hbejziet helwin bil-hwawar tal-kanella kienu johorgu mill-hanut tieghu u jtaqqlu l-arja ta’ barra bir-riha tfuh kif nghidu bil-malti “riha li taqsamlek qalbek”. Ir-rih kien jgorr din ir-riha tfuh lejn id-dar tal-garr tieghu u kif il-garr tieghu kien ikun bilqieghed fil-portiku tad-dar tieghu jiekol hobz xott, ir-riha kienet tiftahlu l-aptit. Kien jiehu nifs ‘l gewwa u jkompli jiekol bil-qalb.



Meta kien jara hekk, il-furnar qal bejnu u bejn ruhu, “ Ir-riha tfuh tal-prodotti mohmija tieghi jbiddlu it-toghma tal-hobz tieghu niexef f’toghma l-aktar bnina. Din haga ngusta. Ghalhekk jehtieg li jhallas ghal dan.” U din il-haga kien jaraha ta’ kuljum. Jum wiehed avvicina lill-garr tieghu u tah il-kont.

“U ta xhiex tridni nhallas dan il-kont?” staqsa l-garr. “Anqas ma ghandi flus bizzejjed biex nixtri mill-hanut tieghek, ahseb u ara biex inhallas dan il-kont.”

“Preciz. Inti ma thallas xejn u frattant inti tisraqli r-riha tfuh tal-prodotti tieghi,” werzaq il-furnar.

“Jigifieri inti qed tghidli li rrid inhallas ghaxar bicciet tal-flus talli nxomm ir-riha tfuh tal-prodotti tieghi?” staqsa bid-dahqa l-garr.

“Mill-lum ‘l quddiem ma hux ser inhallik izjed tisraqni. Jew thallas jew intellghek il-qorti.” Dan il-fatt xtered mal-belt kollha u kulhadd dahaq ghal din l-idea tar-riha tfuh misruqa.

Fl-ahhar il-furnar kien tant irrabjat li ha il-kaz quddiem imhallef rispettat. Kulhadd kien cert li l-imhallef kien ser jixhet ‘l barra dan il-kaz. Wara kollox kif jista’ wiehed jisraq riha jew xamma? Imma b’sorpriza kbira ghalihom l-imhallef accettah. “Huwa dover tieghi li nisma’ dak li ghandu jghid il-furnar. Nordna li kemm il-furnar kif ukoll il-garr tieghu jingiebu f’din il-qorti ghada filghodu.”

L-imhallef baghat messagg lill-gar biex mieghu igib hames muniti tad-deheb. Meta rcevieha, il-povru ragel beza’ li l-ftit li kellu kienu ser johdulu. Il-furnar kien ferhan ser itir bl-ahbar. Tbissem hehh kif haseb li kollox kien gej favurih u li ser jimla’ bwietu bi flus il-garr tieghu.

L-ghada l-furnar u l-garr tieghu dahlu f’qorti ippakkjata bin-nies. Hafna minn nies kienu imhawdu bl-azzjoni ta’ l-imhallef u dahlu fil-qorti biex jaraw x’kien ser jaghmel l-imhallef. Ma setghux jemmnu li kien ser jordna r-ragel ta’ qalb tajba ihallas tax-xamm.

Meta l-imhallef dahal fis-sala tal-gustizzja, fil-qorti waqa’ skiet kbir. L-ewwel sema’ dak li kellu jghid il-furnar, imbaghad dar lejn il-gar u staqsieh: “ Veru li inti hadt pjacir bir-riha tal-prodotti tal-furnar kull jum u ghal hafna snin?”

“Iva, sur imhallef. Ikolli nistqarru li huwa veru,” ammetta l-garr. L-imhallef waqaf jahseb ghal ftit. Fl-ahhar iddikjara: “Xamma giet misruqa. Gia la darba s-serq huwa delitt, il-garr ghandu jkun kastigat.!” Il-povru ragel beda’ jipprotesta. “Imma sur imhallef…”

“Ordni fil-qorti,” ghajjat l-imhallef. U dar lejn ir-ragel u ordnalu, “ Ohrog il-hames muniti tad-deheb mill-but tieghek!” U kompla l-imhallef, “ Issa ghaddi l-muniti minn id ghal ohra.”

Il-garr ghadda l-muniti tad-deheb minn id ghal ohra. Imbaghad l-imhallef dar lejn il-furnar u staqsieh, “ Inti smajtu l-hoss tal-muniti?”

“Iva,” wiegeb il-furnar ferhan ser itir ghax haseb li dawk il-flus ser ikunu tieghu fi ftit sekondi ohra.

“Ghogbok il-hoss taghhom?” staqsa l-imhallef.

“Iva, huwa hoss sabih. Huwa l-pagament li jiena nemmen li jixraqli,” qal il-furnar u resaq lejn il-garr tieghu biex jahtaflu l-flus.

“ Stenna!”, ghajjat l-imhallef. Diga hadtu il-hlas tieghek. Il-garr tieghek kien hati li seraq ix-xamm tal-prodotti tieghek u inti kont imhallas meta smajt il-hoss tal-flus. “

In-nies dahqu fuq li dahqu u kienu kollha kienu tifhir ghall-gudizzju ghaqli ta’ l-imhallef. Il-furnar baxxa rasu bil-misthija u ra kemm kien iblah u ghatxan ghall-flus.

Dejjem ittratta n-nies ta’ madwarek onestament u bil-gentilezza kollha.